FONTANA

Minuti tas-seba` laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tnejn, 29 t`Awwissu 2005 fl-4.30 ta` wara nofsinhar.

| **Preżenti:** | **Membri** |
| --- | --- |
| Sindku | Is-Sur Saviour Borg |
| | Is-Sur Lorry Apap<br>Is-Sur Anthony Cassar<br>Is-Sinjura Maria Schembri |
| **Skużat:** | Is-Sur Victor Cefai – Viċi-Sindku |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | Is-Sinjura Josianne Cassar |

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet it-talba u qrat il-minuti ta` qabel li ġew approvati.

<u>Korrispondenza</u>
*'The Gozo Youth Wind Band & Orchestra'* talbet l-għajnuna tal-Kunsill sabiex jisponsorja erba' mużiċisti mill-Fontana li jagħmlu parti minn din l-orkestra permezz ta` ħlas ta` Lm45.00,0 li jkopri l-perjodu Jannar-Diċembru 2005. Il-Kunsill Lokali ma jistax jgħin lil din l-orkestra peress li mhix organizazzjoni lokali. Il-Kunsill qabel illi jinforma lid-Direttur Mużikali b`dan.
Il-*Malta Playing Fields Association* bagħtet korrispondenza bis-suġġett *'MPFA relations with Local Councils'.*
Is-Soċjeta *'Dante Alighieri'* bagħtet korrispondenza lill-Kunsill dwar it-Tagħlim ta` l-Ilsien u l-Kultura Taljani Sena Akkademika 2005-2006. Is-Sindku qal li għandna nitolbu aktar informazzjoni u jekk ikun hemm konkorrenza nitolbu lill-Kappillan biex isir użu mis-Sala Parrokkjali. Il-Kunsill qabel illi jitlob aktar informazzjoni dwar dawn il-korsijiet fil-lingwa taljana.
Il-Fondazzjoni OASI bagħtet tirringrazzja lill-Kunsill dwar il-kontribuzzjoni għal 'Riflessi Sajfin 2005'.
*Greenlines Ltd.* talab lill-Kunsill sabiex kull meta jkun hemm skart madwar il-*bring-in-sites* jiġi nfurmat.
Il-*Gozo Business Chamber* bagħat ktejjeb bl-isem *'Proudly made in Gozo'* u talab lill-Kunsill sabiex ipoġġi dawn il-kotba għad-dispożizzjoni tal-pubbliku. Is-Sindku qal illi fejn hemm il-mappa t`Għawdex, il-lokal tal-Fontana mhux indikat f`dan il-ktejjeb. Il-Kunsill qabel illi jikteb ittra lill-*Gozo Business Chamber* sabiex jipprotesta dwar dan.
Il-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ bagħat ir-rapport annwali 2004-2005.
It-Taqsima Żgħażagħ fi ħdan il-Ministeru ta` l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol bagħtet korrispondenza dwar korsijiet li ser isiru għaż-żgħażagħ ta` bejn is-16 u t-30 sena fil-lingwa Maltija.

L-Awtorita' dwar it-Trasport ta` Malta bagħtet korrispondenza dwar il-*parking bays*. Hija talbet lill-Kunsill sabiex jissottometti pjanta li tindika fejn il-Kunsill jixtieq jintroduċi dawn il-*parking bays*. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tieħu ħsieb li tibgħat din il-pjanta.

Dwar Sqaq ta` Bieb il-Għajn l-Awtorita' ssuġġeriet li ssir *'Keep Clear'*. Il-Kunsill qabel illi jinforma lis-Sur Louis Portelli sabiex jagħmilha.

Fil-Gazzetta tal-Gvern tad-29 ta` Lulju 2005 deher avviż illi Trejqa Wara l-Idjar għandha tinqara Trejqet Wara l-Idjar.

It-Taqsima tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex bagħat korrispondenza dwar "Karnival ta` Għawdex 2006" u dwar "Skema ta` Sussidji għal Presepji – Milied 2005". Is-Sindku ssuġġerixxa li din il-korrispondenza titpoġġa fin-*notice boards* tal-Kunsill.

Id-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Proprjeta' bagħat korrispondenza dwar il-PA 0337/01, jiġifieri dwar il-fond nru. 190 fi Triq tal-Għajn. Is-sit in-kwistjoni għadu mhux mikri lill-Kunsill Lokali Fontana, għaldaqstant qabel id-diviżjoni ma toħroġ il-permess għax-xogħol, is-sit irid jiġi allokat lill-Kunsill Lokali, b`talba lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Id-Dipartiment tas-Saħħa bagħat korrispondenza bis-suġġett *'Influenza Vaccine Campaign 2005'*.

L-Awtorita' ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bagħtet il-listi t`applikazzjonijiet ġodda għal permess ta` żvilupp li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kunsill tal-Fontana.

Il-M.E.P.A. bagħtet ir-rapport ta` l-*inspection* li saret tal-*bring-in-sites* fi Triq ta` Mulejja.

Il-Bord ta` l-Appell dwar l-Ippjanar bagħat ir-rapport dwar l-*street furniture* ta` Pjazza l-Għejjun. Il-Kunsill qabel illi jerġa' jappella permezz tal-Perit Edward Scerri.

Is-Sur Noel Formosa bagħat korrispondenza dwar il-Ħaddiema ta` l-IPSL. Is-Sur Formosa qal illi l-Kunsilli Lokali għandhom jirċievu l-lista ta` ħaddiema f`Għawdex li ser jiġu assenjati mal-Kunsilli Lokali f`Għawdex mingħand il-MITI.

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat kopja t`ittra dwar id-devoluzzjoni tal-proprjeta` 190/191 Triq tal-Għajn, Fontana li ntbagħtet lid-Dipartiment tal-Artijiet bħala *reminder*.

Is-Sur James Catania mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat kwestjonarju dwar is-sistema tal-ġbir ta` l-iskart. Is-Segretarju Eżekuttiv imliet dan il-kwestjonarju.

Is-Sur Silvio Frendo mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza dwar il-*bring-in-sites*. Malli d-Dipartiment ikollu konferma li ntgħażel il-kuntrattur, ikun jista' jgħaddi l-fondi *(pro rata)* marbuta maż-żamma u l-manutenzjoni tal-*bring-in-sites*.

Is-Sur Frendo bagħat ukoll korrispondenza dwar is-*SAGE upgrade*.

Is-Sur Natalino Attard, Direttur fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza bis-suġġett "Konferenza dwar kollaborazzjoni bejn ir-Renju Unit u Malta biex jinkisbu fondi mill-Unjoni Ewropea". Din il-konferenza ser issir nhar l-Erbgħa, 28 ta` Settembru 2005. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa ma jistax jattendi peress li għandu l-appell tal-M.E.P.A. dwar il-ħajt ta` Triq ix-Xlendi, huwa ssuġġerixxa li jattendi l-Viċi-Sindku għal din il-konferenza. Il-Viċi-Sindku għandu jiġi kkuntattjat dwar dan.

Inqrat Ċirkulari AKL 42/2005 dwar Devoluzzjoni dwar manutenzjoni ta` bozoz. Il-Kunsill qabel illi jħallas is-somma ta` Lm100 għas-sena 2005.

Inqrat Ċirkulari AKL 43/2005 dwar *Copyright Act* 2000 – *Performing Rights (PRS)* – Liċenzja dwar il-*Performing Rights Society Ltd.* (PRS) għal attivitajiet, li jinkludu mużika, imtella` mill-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill Lokali Fontana qabel li jsir dan il-ħlas.

Inqrat Ċirkulari AKL 44/2005 dwar l-aħbar tal-mewt tas-Sur Emmanuel Mallia, ħu s-Sur Neville Mallia, Kunsillier ta` San Ġwann.

Inqrat Ċirkulari AKL 45/2005 dwar l-aħbar tal-mewt tas-Sinjura Rita Abela, omm is-Sur Anthony Abela, Kunsillier fil-Kunsill Lokali Naxxar.

Inqrat Ċirkulari AKL 46/2005 dwar l-aħbar tal-mewt ta` Dun Anton Abela, ħu s-Sur Emanuel Abela, Kunsillier ta` Msida.

Inqrat Ċirkulari AKL 47/2005 dwar l-aħbar tal-mewt tas-Sur Pawlu Tanti, ex-Viċi-Sindku u Kunsillier fil-Kunsill Lokali Bormla.
Inqrat Ċirkulari AKL 48/2005 dwar Ħlasijiet lill-*Penza Tarmac Ltd.* Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet it-tweġiba għal din iċ-ċirkulari.
**Inqrat Ċirkulari AKL 49/2005 dwar Regolamenti ġodda dwar l-iskart.** Il-Kunsill Lokali Fontana huwa dispost li jagħmel parti minn din l-iskema u aċċetta l-provedimenti tal-ftehim anness maċ-Ċirkulari.
Inqrat Ċirkulari AKL 50/2005 dwar l-aħbar tal-mewt tas-Sur Bartholomew Mifsud, ex-Kunsillier fil-Kunsill Lokali Għargħur.
Inqrat Ċirkulari AKL 51/2005 dwar Ħlas ta` Kontijiet tal-*Maltacom* fil-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill m`aċċettax li jkollu dan is-servizz fil-mument. Il-Kunsill lest li jikkunsidra din il-proposta meta jiġu l-ħaddiema.
Inqrat Memo 18/2005 dwar Ġemellaġġi. Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet it-tweġiba għal din il-Memo.

<u>Mistoqsijiet</u>
Ma kienx hemm mistoqsijiet f`din il-laqgħa.

<u>Il-kuntratt tal-Ġbir ta` Skart Domestiku u Kummerċjali</u>
Il-Kunsill qabel unanimament illi dan il-kuntratt jiġġedded għal sena oħra.

<u>Approvazzjoni ta` kontijiet</u>
Il-kontijiet ta` hawn taħt ġew approvati:

| | | |
|---|---|---|
| *Maltacom p.l.c.* | | Lm 59.67,0 |
| M.E.P.A. | | Lm 15.00,0 |
| *Petty Cash* | | Lm 39.97,0 |
| *Public Cleansing Department* | Lm 19.24,0 | |
| *Water Services Corporation* | Lm 5.13,0 | |
| *Road Construction Co. Ltd.* | Lm 7.74,0 | |
| *The Photo Shop* | | Lm 31.41,0 |
| Carmelina Grech | | Lm 6.99,0 |
| *Mr. Signs* | | Lm 24.00,0 |
| Carmel Cini | | Lm 45.00,0 |
| *Cordina Photo Market* | Lm 20.00,0 | |
| *Cordina Photo Market* | Lm 10.00,0 | |
| Anthony Mercieca | | Lm 591.50,0 |
| Anthony Mercieca | | Lm 30.00,0 |
| *Koptaco Coaches* | | Lm 68.80,0 |
| *Local Councils Association* | Lm 8.00,0 | |
| Jenise Grech | | Lm 83.70,0 |
| *Sound & Vision* | | Lm 26.00,0 |
| *Zephyr Garage* | | Lm 20.00,0 |

| | |
|---|---|
| *Water Services Corporation* | Lm 35.35,0 |
| *Galea Curmi Engineering Consultants* | Lm 6.63,0 |
| *Video-On-Line Ltd.* | Lm 11.80,0 |
| Johanna Caruana | Lm 90.00,0 |
| Victor Attard | Lm 123.81,0 |
| *Green Skip Sevices Ltd.* | Lm 23.43,0 |
| Joanne Agius | Lm 60.00,0 |
| Josianne Attard | Lm 60.00,0 |
| Total | Lm1523.17,0 |

L-iskeda ta` pagamenti Nru. 05/2005 ġiet approvata.

Ilmenti/Suġġerimenti

Is-Sur Tonio Schembri ta` 269, Triq tal-Għajn talab lill-Kunsill jekk hux possibbli li ssir mera quddiem Sqaq Nru. 2 fi Triq tal-Għajn. Il-Kunsilliera Maria Schembri astjeniet milli tieħu sehem peress li għandha nteress. Il-Kunsill qabel illi jitlob permess l-A.D.T.

Is-Sinjura Rosita Buttigieg li toqgħod fi Triq ta` Mulejja talbet lill-Kunsill sabiex tiġi rranġata l-bankina ta` quddiem tagħha. Il-Kunsill qabel illi jirranġaha.

Is-Sinjura Ġużeppa Galea ta` 61, Triq il-Kappillan Ġużepp Hili talbet lill-Kunsill sabiex titranġa l-bankina ta` quddiem id-dar tagħha peress li l-*paving block* inqalgħet u tista` tkun perikoluża. Il-Kunsill qabel illi jirranġaha.

Il-Kunsillier Lorry Apap ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill illi fi Sqaq Bieb il-Għajn qed ikun hemm ħmieġ tal-klieb. Il-Kunsill qabel illi jwaħħal tabella li tindika li l-ħmieġ tal-klieb irid jinġabar minn min ikun jakkumpanjahom.

Il-Kunsillier Apap qal ukoll illi hemm xi qasab fi Triq ix-Xlendi li qiegħed sporġut fit-triq u jista jkun perikoluż. Is-Sindku qal illi huwa ser jieħu ħsieb li jinqata`.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi wara l-Knisja sar xi xogħol ta` kostruzzjoni u tħalla ħafna terrapien. Il-Kunsillier Anthony Cassar żied jgħid illi fl-istess post tħalla xi *bricks* u tajjeb li jitneħħew. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tikkuntattja lis-Sur Maurice Zammit sabiex inaddaf it-terrapien u jneħħi l-*bricks*.

Il-Kunsillier Lorry Apap ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li fi Triq ix-Xlendi hemm tabella li tindika *'Bus Stop'* ma tidhirx u trid tinbidel. Huwa qal ukoll illi fl-istess triq hemm tabella *'No Parking'* li trid titranġa għax mgħawġa. Is-Segretarju Eżekuttiv għanda tikkuntattja lis-Sur Louis Portelli sabiex jieħu ħsieb jirranġahom.

Materji oħra

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret laqgħa fl-Uffiċċju tal-M.E.P.A. f`Malta mas-Sur Ian Galea u mas-Sur Gaetano Bugeja dwar il-*belvedere* ta` Triq ta` Mulejja u t-triq ta` quddiem li l-Awtorita' ta` l-Ippjanar fis-sena 2000 talbet biex titħassar biex jiġi mħares l-ambjent. Waqt din il-laqgħa li għaliha attendew is-Sindku, l-Viċi-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, is-Sur Galea nforma lil preżenti li d-deċiżjoni biex titħassar din il-parti tat-triq għadha ma ttieħditx. Iżda huwa ppreżenta pjanta mħejjija mid-Direttorat, fejn fiha qed ikun propost kif għandu jiġi żviluppat il-*belvedere*, it-taraġ li għandu jsir minflok it-triq u l-bini tad-dar li hemm applikazzjoni ODZ għaliha. Din il-pjanta għandha tiġi ppreżentata lill-Bord tal-M.E.P.A. għall-approvazzjoni. Waqt diskussjoni fuq din il-pjanta s-Sur Galea qal li kif ġie propost it-taraġ mid-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex ser ikun rifjutat, peress li kif inhu propost, ma hemmx għalfejn titħassar it-triq, minħabba l-fatt li qiegħed il-barra ħafna fuq art *Outside Development Zone*. L-istess Dipartiment applika wkoll biex ikun sanzjonat *culvert* li sar għall-ilma tax-xita ta` Triq ta` Mulejja. Dwar l-applikazzjoni ODZ li hemm biex tinbena dar, ġiet ukoll imnaqqsa l-art li fuqha trid tinbena. Is-Sindku staqsa lis-Sur Galea kemm hemm art fabbrikabbli għal bini ta` din id-dar u kemm qed ikun propost li tiżdied mid-Direttorat. Is-Sur Galea qal li hemm 15 il-pied fabbrikabbli u ser tiżdied b`10 piedi oħra fuq art ODZ. Min hemm il-barra qed ikun propost li jsir it-taraġ wisa' ta` żewġ metri li jkun jagħqqad Triq ta` Mulejja ma` Trejqet Wara l-Idjar. Is-Sur Galea qal li l-Kunsill għandu jinforma lill-Perit John Saliba biex imur ikellmu dwar l-applikazzjoni għall-*belvedere*, ħalli malli l-Bord tal-M.E.P.A. japprova dawn il-pjanti il-Kunsill ikun jista' japplika mill-ewwel.

Il-Kunsilliera Maria Schembri pproponiet li tintbagħat ittra lis-Sur Karmenu Farrugia ta` *'Farrugia Brothers Fireworks'* sabiex il-Kunsill juri s-solidarjeta' miegħu għat-traġedja li ġarrab hu u l-familja tiegħu dan l-aħħar fl-isplużjoni tal-kamra tan-nar. Il-Kunsill qabel.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nħaraq il-palm tal-*belvedere* fi Triq ta` Mulejja. Il-Kunsill qabel illi jistaqsi lill-M.E.P.A. hemmx bżonn permess biex jiġu miżbura dawn iż-żewġ palmiet.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret ħsara lir-*retaining wall* ta` Triq ta` Mulejja. Il-Kunsill qabel li tiġi msewwija.

Dwar il-*Website* tal-Kunsill is-Sindku qal illi hija kważi lesta u ser tintbagħat liċ-C.I.M.U. sabiex tiġi approvata. Saret l-informazzjoni bl-ingliż dwar il-Fontana minn Rev. Dr. Joe Bezzina. Bħala ħlas dan talab li jieħu 25 ktieb *'The Village of Valleys and Springs'*. Il-Kunsill qabel. Issa trid issir it-traduzzjoni għall-Malti.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi hemm bżonn illi tinxtara *filing cabinet* oħra. Il-Kunsill qabel illi jixtri waħda għall-prezz ta` Lm136 mingħand l-*Office Club* sabiex tkun pariġġ dawk eżistenti fl-Uffiċċju.

Il-Kunsill qabel illi jerġa' jġedded il-kuntratti għal sena oħra mad-Dipartiment tad-Distretti li huma:

- ✓ *Maintenance of Access Roads and Access only*;
- ✓ *Maintenance of Traffic Signs and Road Markings*.

Is-Sindku qal illi dwar il-kwistjoni li hemm mal-W.S.C. peress li d-Dipartiment tad-Drenaġġ ġie nkorporat fiha, saret żjara fuq il-post mis-Sindku u s-Sur Brian Borg, Uffiċċjal Inkarigat, dwar il-ħsara li saret xi snin ilu fil-proġett ta` Pjazza l-Għejjun.

Ġew nieqsa żewġ siġar taż-żebbuġ oħra minn Triq ix-Xlendi, kif ukoll sar il-qtugħ tal-ħaxix mill-Knisja `l isfel sa Pjazza l-Għejjun u Triq l-Isptar San Ġiljan.

Is-Sindku flimkien mal-Perit Saliba daħlu ġox-xelter li hemm fi Pjazza l-Għejjun fejn instab li għadu fi stat tajjeb ħafna u kull ma hemm bżonn hu xi tindif u restawr żgħir fil-garigor li jiżbokka fi Trejqet ix-Xagħri. Is-Sindku ppropona li nitolbu l-għajnuna ta` "Din l-Art Ħelwa" biex jiġi mdawwal u b`hekk ikun jista' jinfetaħ għall-pubbliku f`xi okkażżjoni

speċjali bħal per eżempju 'Jum il-Fontana', fil-Festa Titulari u okkażżjonijiet oħra. Il-Kunsill qabel.
Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li saret l-applikazzjoni tal-M.E.P.A. għar-restawr tal-faċċata ta` l-Għajn il-Kbira mill-Perit John Saliba fejn ġie mitlub li tiġi restawrata l-faċċata flimkien man-niċċa li hemm fuqha kif ukoll kxif ta` xi graffiti ta` xwieni li hemm ġewwa.
Saret ukoll laqgħa li l-Kunsill kien talab dwar il-fond nru. 191 fi Triq tal-Għajn mas-Sur Albert Mamo, Kummissarju tal-Artijiet, fl-*Auberge de Baviere* fejn attendew il-membri kollha tal-Kunsill. Kopja tal-minuti ta` din il-laqgħa hija annessa.
Il-Kunsill qabel illi jikkuntattja lil *Gozo Pottery Barn* sabiex terġa` tagħmel mill-ġdid l-ittri taċ-ċeramika mill-isem tal-*Playing Field* peress li ġew iżgħar minn dawk eżistenti.
Il-Kunsill qabel ukoll illi l-garanzija li għandu *Gatt Tarmac Ltd.* dwar il-*patching* għandha terġa` tiġġedded.
Il-Kunsill qabel illi jixtri ktieb bl-isem *"Old Photographs of Malta"* ta` Ms. Carmelina Grech għall-prezz ta` Lm6.99,0. Il-Kunsill qabel ukoll illi jibgħat ittra ta` ringrazzjament lil Ms. Georgette Caffari tal-ktieb li bagħtet lill-Kunsill bl-isem *"Centenary of the Birth of – Carmelo Pace (composer): 17th August 1906 – 20th May 1993".*
Il-Kunsill qabel illi jordna żewġ gwarniċi, wieħed għar-ritratt ta` dan il-Kunsill u l-ieħor għall-ġurament ta` ħatra ta` Sindku mingħand l-*Expo Chic.*

## Mozzjonijiet

X`ħin ġew biex jiġu diskussi l-mozzjonijiet l-Kunsilliera Lorry Apap u Anthony Cassar telqu l-barra, għaldaqstant ma kienx baqa` *quorum* sabiex titkompla l-laqgħa.

Il-laqgħa ntemmet fis-6.00 ta` filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa, 28 ta` Settembru 2005 fl-4.30 ta` wara nofsinhar.

| | |
|---|---|
| Josianne Cassar | Saviour Borg |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |